TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Mario Gerada u Esmeralda Borg**

**Vs**

**Easylife TV Direct Co. Ltd**

CCT 150/24/CC

Illum 1 ta' Ottubru, 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-atturi ipprezentata fit-22 ta' Lulju 2024, fejn talbu rifuzjoni ta' l-ammont ta' €99 (disa u disghin ewro) rapprezentanti ammont imhallas ghal sett borom li nxtraw minghand is-socjeta intimata, liema borom ma humiex ta' kwalita' tajba.

Ra li s-socjeta intimata Easylife T.V Direct Co. Ltd debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ipprezentat l-ebda risposta u ghalhekk hija fi stat ta' kontumacja.

Illi fis-seduta skedata ghal produzzjoni tal-provi, dehru biss l-atturi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-attur Mario Gerada jixhed bil-gurament fis-seduta ta' l-24 ta' Settembru 2024.

Ikkunsidra ;

Illi jirrizulta li f'Dicembru 2023 l-atturi xtraw sett borom minghand is-socjeta intimata ghal ammont ta' €99 (disa' u disghin ewro) kif ikkonfermat mill-ircevuta tal-hlas li giet ipprezentata fl-atti ta' dawn il-proceduri. Fix-xhur sussegwenti, l-atturi kienu jinsabu ghal btala barra l-pajjiz, u gara li f'April 2024 gew innutati dawriet tas-sadid fuq il-borom. Meta l-attur ikkuntatja lis-socjeta intimata sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni, huwa ma inghatax soluzzjoni u ghalhekk kellu jirrikorri ghal din il-procedura.

Illi l-atturi ipproduċew fl-atti ta' dawn il-proċeduri prova tal-hlas ta' l-ammont ivversat minnhom lis-socjeta intimata, kif ukoll dokumentazzjoni ohra relatata mal-kompletezza tal-provi.

Da parti taghha, is-socjeta intimata tinsab fi stat ta' kontumacja, u fis-seduta appuntata ghal provi tal-partijiet hadd ma deher in rapprezentanza tas-socjeta intimata sabiex tiggustifika l-istat ta' kontumacja taghha.

Illi t-Tribunal, wara li sema' lil attur Mario Gerada jixhed bil-gurament fis-seduta ta' l-24 ta' Settembru 2024 u wara li ra d-dokumenti ezebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mill-atturi ghandha timmerita konferma.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li l-atturi irnexxielhom jipprovaw l-istanza taghhom sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnhom ghandha tigi milqugha, b'dan li s-socjeta intimata ghandha thallas lir-rikorrenti s-somma ta' €99 (disa u disghin ewro) rapprezentanti ammont imhallas minnu ghal sett borom. It-Tribunal jordna li l-atturi ghandhom jirritornaw is-sett borom lis-socjeta intimata kif jircievu l-hlas.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba mressqa mill-atturi, u jordna lis-soċjeta intimata thallas lil atturi is-somma ta' €99 (disa u disghin ewro).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jitħallsu mis-soċjeta intimata.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru